# 16. Il-Blata

Jgħidu li qalbha iebsa,
jgħidu li qalbha ġġib;
jgħidulu "qalb ta' blata"
min mhu ta' ħadd ħabib;

Imma dan mhux is-sewwa:
tixhdu s-siġra tat-tin,
u għeruqha tawwalija
li kull ma jmorru s-snin

Dejjem iberrnu u jerdgħu
sidirha bla mistrieħ,
ħajjitha dlonk isoffu
moħbija hemm fil-qiegħ.

U biex tkun taf bid-dieher
ħalibha kemm hu bnin,
aqta' minn bejn il-weraq
erba' tiniet ġludin!

Qalu li qalbha iebsa,
qalu li qalbha ġġib,
imma min qal dan kollu
tas-Sewwa mhux ħabib!